MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1966/2003

**U.C.I.M. Company Limited
Vs**

**Rosario Bugeja u martu Michelina Bugeja**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm235 (mitejn u hamsa u tletin lira Maltin) import ta’ tlett (3) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata fis-16 ta’ Frar 2004 fejn il-bilanc dovut jammonta ghal Lm30 (tletin lira Maltin).

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-9 ta’ Jannar 2004 il-konvenuti naqsu u ma dehrux meta gewipprezentati fis-16 ta’ Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici kif ridotti bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------